# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn 21 ta’ Jannar 2002**

**Avviz. numru 849/01**

**Numru 28**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Carmelo Tanti**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, disa’ mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin (Lm4,928.00) import ta‘ tnejn u tletin (32) kambjala migbuda mis-socjeta’ Paola Motors Limited gia’ Daewoo (Malta) Limited gia’ Universal Commerce Agency Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta’ mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fil-11 ta’ Frar, 1999, 11 ta’ Marzu 1999, 11 ta’ April 1999, 11 ta’ Mejju 1999, 11 ta’ Gunju 1999, 11 ta’ Lulju 1999, 11 t’Awissu 1999, 11 ta’ Settembru 1999, 11 t’Ottubru 1999, 11 ta’ Novembru 1999, 11 ta‘

Dicembru 1999, 11 ta‘ Jannar 2000, 11 ta’ Frar 2000, 11 ta‘ Marzu 2000, 11 t’ April 2000, 11 ta’ Mejju 2000, 11 ta’ Gunju 2000, 11 ta’ Lulju 2000, 11 ta’ Awissu 2000, 11 ta’ Settembru 2000, 11 ta‘ Ottubru 2000, 11 ta’ Novembru 2000, 11 ta’ Dicembru 2000, 11 ta‘ Jannar 2001, 11 ta’ Frar 2001, 11 ta‘ Marzu 2001, 11 t’April 2001, 11 ta’ Mejju 2001, 11 ta’ Gunju 2001, 11 ta’ Lulju 2001, 11 ta’ Awissu 2001, 11 ta’ Settembru 2001 rispettivament (Dok “AI sa A 32”) flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 8 ta’ Frar, 2001 (Dok “B”) u tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid li gew prezentati mal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-kambjalijiet annessi minn fol 3 sa fol 13 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-7 ta' Jannar 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-

Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm4928.00,0 bl-imghax legali ulterjuri mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala esebita in atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Frar 2001, annessa mal-atti a fol 15 u mmarkata Dok B u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru u qbid tal-4 ta’ Ottubru 2001 imsemmijin fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur